# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni*

**A6-0102/2009**

25.2.2009


# ***III
# RAPPORT

dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabilità ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti
(PE-CONS 3724/2008 – C6-0047/2009 – 2005/0241(COD))


Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

Chairperson tad-delegazzjoni: Rodi Kratsa-Tsagaropoulou
Rapporteur: Paolo Costa

PR_COD_3app

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ......................................................................................................6

PROĊEDURA ..............................................................................................................10

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabilità ta’ trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti**
**(PE-CONS 3724/2008 – C6-0047/2009 – 2005/0241(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 3724/2008 – C6-0047/2009),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0592),

– wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2007)0645),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari[2] dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill[3],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni komuni (COM(2008)0831),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(5) tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 65 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A6-0102/2009),

1. Japprova t-test konġunt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;

3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[1] ĠU C 74E, 20.03.2008, p. 562.
[2] Testi adottati, 24.9.2008, P6_TA(2008)0445.
[3] ĠU C 190 E, 29.7.2008, p. 17.

## NOTA SPJEGATTIVA

**I. Sfond**

I.1 It-Tielet Pakkett Marittimu

It-Tielet Pakkett Marittimu (magħruf ukoll bħala l-Pakkett Erika III) kien propost mill-Kummissjoni fi tmiem l-2005. Dan il-pakkett kien is-segwitu tal-Pakketti Erika I u Erika II li kienu ġew ippreżentati wara l-aċċident tal-Erika tal-1999 'il barra mill-kosta Atlantika Franċiża. Kien ukoll is-segwitu tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-21.04.2004 ppreparata mill-Kumitat Temporanju dwar it-titjib fis-sikurezza fuq il-baħar (MARE) li twaqqaf wara l-aċċident tal-Prestige fl-2002.

L-għan ġenerali tat-Tielet Pakkett Marittimu hu li jkompli jsaħħaħ il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar is-sikurezza u li jittrasponi strumenti prinċipali internazzjonali fil-liġi Komunitarja. Is-seba' proposti tiegħu għandhom l-għan li jevitaw aċċidenti (billi jtejbu l-kwalità tal-bnadar Ewropej, jirrevedu l-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll statali tal-portijiet u s-sorveljanza tat-traffiku tal-bastimenti u billi jtejbu r-regoli dwar is-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni) u jiżguraw rispons effettiv f'każ ta' aċċident (billi jiżviluppaw qafas armonizzat għall-investigazzjoni tal-aċċident, jintroduċu regoli dwar kumpens għall-passiġġieri f'każ ta' aċċident u billi jintroduċu regoli dwar ir-responsabilità tas-sidien tal-bastiment flimkien ma' skema mandatorja tal-assigurazzjoni).

I.2 Din il-proposta

Il-proposta għal Regolament dwar ir-responsabilità ta' trasportaturi tal-passiġġieri bil-baħar u fl-ilmijiet navigabbli interni fil-każ ta' aċċidenti kienet adottata mill-Kummissjoni fit-23.11.2005. L-għan tagħha hu li, finalment, wara aktar minn għaxar snin mill-katastrofi tal-*Estonia* fil-Baħar Baltiku fl-1994, ikun garantit livell simili, fuq livell Ewropew, ta' responsabilità u ta' assigurazzjoni mandatorja ta' trasportaturi tal-passiġġieri fil-każ ta' aċċident. Sallum, din ir-responsabilità kienet stabbilita f'livelli differenti, u f'xi każi f'livelli pjuttost baxxi, fl-Istati Membri skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew l-impenji internazzjonali tagħhom. Din il-proposta għandha l-għan li tneħħi dawn id-differenzi nazzjonali billi jkunu inkorporati fil-Liġi Ewropea d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr tal-Passiġġieri u l-Bagagli tagħhom bil-Baħar tal-1974, kif emendata bil-protokoll tagħha tal-2002, biex tipprovdi għal responsabilità finanzjarja akbar. Hi żżid aktar dispożizzjonijiet li jadottaw il-Konvenzjoni ta' Ateni għal-Liġi Ewropea u sistemi ta' responsabilità għal modi oħra ta' trasport.

**II. Il-proċedura leġiżlattiva qabel il-konċiljazzjoni**

II. 1 It-Tielet Pakkett Marittimu fl-ewwel u t-tieni qari

Għall-Parlament il-Pakkett Marittimu kien dejjem meqjus bħala pakkett sħiħ u għal din ir-raġuni il-fajls individwali tiegħu kienu dejjem ittrattati flimkien. L-ewwel qari dwar is-seba' proposti sar f'Marzu/April 2007. Il-Kunsill laħaq ftehimiet politiċi dwar sitta mit-tmin proposti (fajl minnhom kien maqsum f'direttiva u f'regolament) waqt il-laqgħat tiegħu f'Ġunju u f'Novembru 2007. Żewġ fajls (dwar l-obbligi tal-bandiera tal-istati u r-responsabilità ċivili), madankollu, baqgħu mblukkati minħabba li l-Istati Membri ma kienux lesti jadottaw din il-leġiżlazzjoni f'livell ta' UE. Tentattiv li sar f'April 2008 biex jiżblokka l-fajls ma kellux suċċess.

L-Istati Membri fittxew li jagħmlu pressjoni fuq il-Parlament biex ikompli l-proċedura leġiżlattiva tas-sitta billi jittrażmetti l-pożizzjonijiet komuni. Il-Parlament eventwalment qabel ma' dan il-metodu sabiex isir progress.

Wara t-tressiq tal-pożizzjonijiet komuni f'Ġunju 2008 il-Parlament madankollu kompla jqiegħed pressjoni fuq il-Kunsill biex isir progress fiż-żewġ fajls li kien baqa' (magħrufa bħala "it-tnejn in-nieqsa"). Dan sar bl-inkorporazzjoni, permezz ta' emendi, tas-sustanza ta' dawn iż-żewġ fajls f'partijiet tal-fajls leġiżlattivi attivi tal-pakkett.

Negozjati paralleli dwar is-sitt fajls fit-tieni qari ma kellhomx suċċess. Id-destin "tat-tnejn in-nieqsa", kif ukoll diffikultajiet f'xi fajls wasslu għal deċiżjoni li ma jintlaħaqx ftehim fit-tieni qari dwar l-ebda fajl. Fil-plenarja l-Parlament reġa' daħħal l-emendi tal-ewwel qari tiegħu fil-fajls kollha, kif ukoll l-emendi li kienu jinkorporaw "it-tnejn in-nieqsa". Is-sitt fajls sussegwentement marru għal konċiljazzjoni.

<u>II.2. Din il-proposta fl-ewwel u t-tieni qari</u>

Fl-ewwel qari tiegħu il-Parlament essenzjalment segwa l-proposta tal-Kummissjoni b'eċċezzjoni waħda: wara diskussjoni kontroversjali kien hemm maġġoranza li rrifjutat l-inklużjoni tal-ilmijiet navigabbli interni fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Kienu adottati emendi oħra li jkopri kwistjonijiet bħall-ħlas bil-quddiem għall-vittmi, l-informazzjoni tal-passiġġieri, ir-responsabilità f'każ ta' terroriżmu, is-setgħat tal-EMSA, l-esklużjoni tal-possibilità li jkunu applikati konvenzjonijiet internazzjonali oħra dwar ir-responsabilità, l-adozzjoni ta' limiti ogħla ta' responsabilità wara li jkun hemm proċedura ġdida ta' kodeċiżjoni u perjodi ta' tranżizzjoni għall-vapuri tat-traġitt.
Il-Kunsill fil-pożizzjoni komuni tiegħu wkoll eskluda l-ilmijiet navigabbli interni u barra minn hekk tbiegħed mill-proposta oriġinali f'ħafna aspetti oħra sinifikanti. Il-Kunsill illimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament f'każ ta' trasport nazzjonali bil-baħar għall-hekk imsejħa vapuri tal-klassi A, b'hekk eskluda l-maġġor parti tar-rotot tat-tbaħħir tal-klassijiet B, C u D kif definiti fir-Direttiva 98/18/KE. Hu naqqas ukoll il-kumpens pjuttost favorevoli għal kull vittma tal-Konvenzjoni ta' Ateni billi applika limitu massimu globali skont il-limiti tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Limitazzjoni tar-Responsabilità għall-Pretensjonijiet Maritimi kif emendata bil-Protokoll tal-1996 (LLMC 96) (il-limitazzjoni globali tar-responsabbiltà). Tibdil ieħor kien dwar il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-ħlasijiet bil-quddiem u tad-drittijiet tal-informazzjoni. Il-Kunsill aċċetta l-pożizzjoni tal-Parlament dwar riskji relatati mat-terroriżmu.
Bħal fir-rigward tal-fajls l-oħra, saru negozjati waqt it-tieni qari. Saru diversi trijalogi imma ma setgħet tinstab l-ebda soluzzjoni għall-kwistjonijiet prinċipali bħall-kamp ta' applikazzjoni u s-sistema ta' responsabilità.
Wara l-falliment tan-negozjati l-Parlament reġa daħħal fit-tieni qari tal-24.9.2008 ħafna mill-emendi tiegħu tal-ewwel qari u rrifjuta l-limitazzjonijiet li l-Kunsill kien introduċa.

## III. Konċiljazzjoni

<u>III. 1 It-Tielet Pakkett Maritimmu fil-konċiljazzjoni</u>

Wara l-vot tat-tieni qari tal-24.9.2008 u minħabba r-rieda politika li tkun konkluża l-konċiljazzjoni taħt il-Presidenza Franċiża, fis-7.10.2008 twaqqfet malajr delegazzjoni tal-Parlament dwar il-konċiljazzjoni.

B'mod parallel il-pressjoni li għamel il-Parlament fuq il-Kunsill biex isib ftehim dwar "it-tnejn in-nieqsa" beda jħalli r-riżultati. Wara laqgħa informali tal-Kunsill li ddiskutiet il-kwistjoni fil-preżenza taċ-Chairperson tat-TRAN Paolo Costa, fid-9.10.2008 ntlaħqu ftehimiet politiċi dwar iż-żewġ fajls.

Il-Parlament u l-Kunsill kellhom żewġ trijalogi (fl-4.11. u fit-2.12) u laqgħa informali dwar l-aktar dossiers diffiċli bi preparazzjoni għall-kumitat ta' konċiljazzjoni tat-8.12 li kkonkluda n-negozjati. Id-delegazzjoni tal-Parlament iltaqgħet darbtjen (5.11. u 3.12.) minbarra l-laqgħat tat-tim ta' negozjaturi li b'mod eċċezzjonali inkluda - minħabba d-daqs tal-pakkett - lill-koordinaturi tat-TRAN.

Fit-8.12 intlaħaq ftehim dwar l-aħħar kwistjonijiet tad-dossier l-aktar diffiċli (tas-Sur Costa). F'dik il-lejla l-Parlament ukoll ta lill-Presidenza ittri li jikkonfermaw ir-rieda tiegħu li jikkonkludi minn kmieni l-ftehimiet tat-tieni qari dwar "it-tnejn in-nieqsa" u b'hekk jippermetti lill-Kunsill li jadotta ż-żewġ pożizzjonijiet komuni fil-laqgħa tiegħu tad-9.12.

Fil-kumitat ta' konċiljazzjoni l-Kunsill kien rappreżentat mis-Sur BUSSEREAU, President fil-Kariga tal-Kunsill u Segretarju tal-Istat għat-Trasport ta' Franza. Il-Viċi-President TAJANI rrapreżenta l-Kummissjoni. Dan juri għal darb'oħra li, f'każ ta' negozjati li huma ferm diffiċli, l-involviment tal-ogħla livell politiku u d-dinamika ta' lejla ta' konċiljazzjoni tista' tagħmel differenza biex jintlaħaq ftehim.

Ir-riżultat ġenerali ta' konċiljazzjoni kien pożittiv ferm għall-Parlament. Mhux biss "it-tnejn in-nieqsa" kienu konklużi b'mod parallel imma sar titjib sostanzjali fit-testi miftiehma fil-konċiljazzjoni. Dan seħħ prinċipalment minħabba l-qbil bejn il-Membri li ma ppermettewx li xi fajl ikun konkluż mingħajr ma jkun hemm ftehim ġenerali fuq kull wieħed minnhom.

Iċ-ċirkustanzi speċjali tal-Pakkett Marittimu urew, madankollu, li mhijiex sitwazzjoni ideali li l-istess Presidenza tkun responsabbli għan-negozjati fit-tieni u t-tielet qari. Fil-Coreper, deher ferm diffiċli għall-Presidenza li tikkonvinċi lill-Istati Membri li jagħmlu sforz ieħor minħabba li n-negozjati kien ilhom għaddejjin għal wisq żmien. Għall-Parlament, fuq in-naħa l-oħra, inbdiet fażi kompletament ġdida bil-konċiljazzjoni, imma fil-Kunsill, bl-istess Presidenza, din kienet meqjusa bħala kontinwazzjoni tal-istess fażi.

<u>III. 1 Din il-proposta fil-konċiljazzjoni</u>

Id-diskussjonijiet dwar dan il-fajl kienu l-aktar diffiċli mis-sitt fajls fil-konċiljazzjoni u seta' biss ikun konkluż wara il-lejla ta' konċiljazzjoni tat-8.12. Waqt dik il-lejla żewġ trijalogi u żewġ laqgħat tad-delegazzjoni tal-PE/Coreper kienu meħtieġa qabel ma seta' jinbeda kumitat għal konċiljazzjoni sħiħ fil-11.30 pm.

**IV. Punti ewlenin tal-ftehim milħuq**

Wara diskussjonijiet ferm diffiċli d-delegazzjoni tal-Parlament irnexxilha li tbiddel il-pożizzjoni tal-Kunsill b'mod sinifikattiv u setgħet għalhekk taċċetta l-kompromess milħuq. Il-punti ewlenin jistgħu jinġabru f'dan li ġej:

- **<u>Il-kamp ta' applikazzjoni fil-każ tal-vapuri tal-ġarr nazzjonali:</u>** Il-Parlament irnexxielu li jinkludi wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni vapuri tal-klassi B u mhux biss

tal-klassi A kif kien hemm fil-pożizzjoni komuni. L-Istati Membri, madankollu, kienu mogħtija l-possibilità li jiddeferixxu l-applikazzjoni tar-regolament għall-vapuri tal-klassi B sa tmiem l-2018 u għal erba' snin wara d-data ta' applikazzjoni għall-vapuri tal-klassi A. Sal-2016 il-Kummissjoni trid tagħmel proposta, skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju, dwar il-limiti ta' responsabilità applikabbli għall-vapuri tal-klassi B. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' estensjoni gradwali tal-kamp ta' applikazzjoni għall-vapuri kollha kien stipulat fi premessa u fi klawsola introdotta u, skont dawn, il-Kummissjoni mhux aktar tard mit-30.6.2013 "għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex, inter alia, testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal vapuri koperti mill-klassijiet C u D."

- **<u>Id-data ta' applikazzjoni</u>** L-inċertezza legali dwar id-data ta' applikazzjoni dehret sew waqt il-konċiljazzjoni u saret importanti ferm ukoll minħabba d-dibattitu dwar perjodi tranżizzjonali għall-klassijiet differenti ta' vapuri. Skont it-test tal-pożizzjoni komuni, ir-Regolament seta' sar applikabbli biss meta l-Konvenzjoni ta' Ateni tkun daħlet fis-seħħ għall-Komunità. Dan jiddependi fuq l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (skont il-proċedura ta' Konsultazzjoni) dwar il-konklużjoni tal-Protokoll tal-Konvenzjoni ta' Ateni, li ma għamlet l-ebda progress fil-Kunsill sa mill-2003. Għal din ir-raġuni in-negozjaturi tal-Parlament insistew dwar data ċara u vinkolanti ta' applikazzjoni. Kien miftiehem li r-Regolament isir applikabbli meta l-Konvenzjoni ta' Ateni tidħol fis-seħħ għall-Komunità imma mhux aktar tard mill-31.12.2012. Dan kien stipulat fit-test tar-Regolament fl-Artikolu 12 u mhux biss f'dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Istati Membri kif kienet il-pożizzjoni tal-Kunsill.
- **<u>Il-Limiti ta' responsabilità</u>** Il-Parlament essenzjalment aċċetta l-idea tal-Kunsill ta' limitu massimu globali billi tintuża l-Konvenzjoni tal-LLMC96 li tista' tnaqqas l-ammont ta' kumpens għal kull vittma taħt il-limiti massimi tal-Konvenzjoni ta' Ateni. Hu aċċetta wkoll il-possibilità li Stati Membri jagħżlu li ma jadottawx "il-limitu massimu" tal-LLMC96 u jadottaw limiti massimi ogħla. Hu rnexxielu, madankollu, li jakkwista salvagwardji importanti li jiżguraw li l-Istati Membri, jekk ma jkollhomx leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-LLMC kif emendata mill-protokoll tal-1996 (li jipprovdi għal kumpens ogħla kif kienu l-predeċessuri tiegħu) ikollhom japplikaw il-Konvenzjoni ta' Ateni b'mod sħiħ. Il-possibilità li r-responsabilità tkun limitata f'każ ta' terroriżmu kien ukoll iċċarat.
- **<u>Ħlas bil-quddiem:</u>** Il-Parlament irnexxielu jikkonvinċi lill-Kunsill biex jaċċetta l-kamp ta' applikazzjoni għall-ħlas bil-quddiem kif propost inizjalment mill-Kummissjoni.
- **<u>Informazzjoni lill-passiġġieri:</u>** Dawk id-dispożizzjonijiet kienu msaħħa sew b'diversi modi. Fir-rigward tal-punt dwar meta l-informazzjoni tingħata lill-passiġġieri, il-pożizzjoni komuni kienet "mhux aktar tard mit-tluq". Il-Parlament wasal għal distinzjoni importanti: f'każ ta' kuntratt konkluż fi Stat Membru l-informazzjoni għandha tingħata waqt il-bejgħ; f'każ ta' punt tat-tluq minn Stat Membru din għandha tingħata qabel it-tluq; Hu biss fil-każi l-oħra kollha li l-informazzjoni għandha tingħata "mhux aktar tard mit-tluq". Barra minn hekk, ir-rekwiżiti minimi ta' informazzjoni kienu definiti aħjar u l-applikazzjoni tal-obbligi tal-operaturi tat-tours kienu ċċarati.

Kien partikularment waqt il-lejla tal-kumitat ta' konċiljazzjoni li l-pożizzjoni tal-Kunsill inbidlet b'mod sinifikanti. Il-pożizzjoni tat-tluq tiegħu dwar il-klassi B kienet ta' perjodu ta' tranżizzjoni ta' 12-il sena waqt li l-Parlament kien ippropona 4 snin. Il-ftehim finali stabilixxa perjodu ta' tranżizzjoni tal-klassi B sa tmiem l-2018 li jfisser perjodu ta' tranżizzjoni ta' 6 snin

meta d-data ta' applikazzjoni hi l-2012.

Għall-klassijiet C u D il-Kunsill kien ippropona rapport li jkun ippreżentat mill-Kummissjoni wara 15-il sena mid-data ta' applikazzjoni waqt li titqies l-estenzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għall-klassijiet C u D. Il-Parlament kien talab proposta leġiżlattiva mhux aktar tard mid-data ta' applikazzjoni. Il-ftehim finali milħuq talab lill-Kummissjoni biex, mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data ta' applikazzjoni (30.6.2013), tippreżenta proposta leġiżlattiva biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni għall-Klassijiet C u D.

Kien ukoll fil-lejla tat-8.12. li l-Kunsill aċċetta li jinkludi data fissa għall-applikazzjoni tar-regolament.

**V. Konklużjoni**

Minħabba li l-ftehim milħuq imur lil hinn minn dak li kien possibbli fl-istadji bikrin tal-proċedura, id-delegazzjoni tirrakkomanda li l-Parlament japprova t-test konġunt tat-tielet qari.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabilità ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti |
| **Referenzi** | PE-CONS 3724/2008 – C6-0047 – 2005/0241(COD) |
| **Chairperson tad-delegazzjoni: Viċi-chairperson** | Rodi Kratsa-Tsagaropoulou |
| **Kumitat responsabbli**<br>Chairperson | TRAN<br>Paolo Costa |
| **Rapporteur(s)** | Paolo Costa |
| **Proposta tal-Kummissjoni** | COM(2005)0592 - C6-0057/2006 |
| **Data ta' l-1 qari tal-PE - Numru P** | 25.4.2007 P6_TA(2007)0148 |
| **Proposta modifikata tal-Kummissjoni** | COM(2007)0645 |
| **Pożizzjoni komuni tal-Kunsill**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | 6389/2/2008 – C6-0227/2008<br>19.6.2008 |
| **Pożizzjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 251(2), it-tieni subparagrafu, it-tielet inċiż)** | COM(2008)0375 |
| **Data tat-2 qari tal-PE - Numru P** | 24.9.2008 P6_TA(2008)0445 |
| **Opinjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt (c))** | COM(2008)0831 |
| **Data meta l-Kunsill irċieva t-tieni qari** | 10.10.2008 |
| **Data ta' l-ittra tal-Kunsill dwar ir-rifjut ta' l-emendi tal-PE** | 27.11.2008 |
| **Laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni** | 8.12.2008 |
| **Data tal-votazzjoni tad-delegazzjoni tal-PE** | 8.12.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni** | +: 14<br>-: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti** | Paolo Costa, Emanuel Jardim Fernandes, Luis de Grandes Pascual, Georg Jarzembowski, Anne E. Jensen, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Rosa Miguélez Ramos, Gilles Savary, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Silvia-Adriana Ţicău, Dominique Vlasto, Corien Wortmann-Kool |
| **Sostitut(i) preżenti** | Inés Ayala Sender, Renate Sommer |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | |
| **Data tal-qbil fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni** | 8.12.2008 |
| **Qbil permezz ta' skambju ta' ittri** | |
| **Data ta' meta l-ko-chairpersons stabbilixxew illi t-test konġunt ġie approvat u ntbagħat lill-PE u lill-Kunsill** | 3.2.2009 |
| **Data tat-tressiq** | 25.2.2009 |

| | |
|---|---|
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | … |

## ESTENSJONI TAI-PERJODI TA' SKADENZA

| | |
|---|---|
| **Skadenza għat-tieni qari tal-Kunsill** | 0.0.0000 |
| **Skadenza għas-sejħa tal-kumitat**<br>Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data | 0.0.0000<br>[Kunsill] – 0.0.0000 |
| **Skadenza għax-xogħol fil-kumitat**<br>Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data | 3.2.2009<br>PE – 19.1.2009 |
| **Skadenza għall-adozzjoni ta' l-att**<br>Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data | 0.0.0000<br>[Kunsill] – 0.0.0000 |